**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Blasio Buttigieg**

**Kump Nru: 578/15**

**Illum 4 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Blasio Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' numru 11969G

Akkuzat talli f'xi hin bejn il-25 u 27 ta' Jannar 2006 minn gewwa 'Dolphin Court', 216, Triq it-Tunnara, Mellieha:

- Ikkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom ghodod u dinghy ghad-dannu ta' Paolo Camilleri u jew ta' persuna/I ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) Art 2619b)(c)(e), 264(1), 267, 269(g), 279(b), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- B'mezzi xort'ohra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew ghararqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt hsara fuq bieb

ta' barra kif ukoll fuq accessorji tal-kamra tal-banju tal-istess fond, liema hsara ma tiskorriz l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€1,164.47) ghad-detriment ta' Paolo Camilleri u jew ta' persuna/I ohra;

- Il-Qorti hija mitluba titratta mieghek Blasio Buttigieg bhala recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli indikati.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat permezz ta' citazzjoni pprezentata fir-Registru fit-22 ta' Lulju, 2015 gie akkuzat li bejn il-25 u s-27 ta' Jannar 2006 huwa kkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeccedi s-somma ta' €2,2329.37;kif ukoll bi hsara volontarja bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) u li huwa recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Jirrizulta li certu Paul Camilleri[1] f'Jannar 2006 insteraq mill-appartament tieghu fl-Ghadira. Dawn l-appartamenti kienu ghadhom fi stat ta' kostruzzjoni – kien hemm il-garaxx lest u zewg appartamenti fosthom tieghu li kien lest u jinzamm maghluq. Kien hemm il-haddiema fil-blokka. Kienet ukoll infethet inkjesta magisterjali. Bhala oggetti kienu serqulu pompa tal-ilma, grinder, morsa, dinghy u kienu kisrulu l-cubicle tas-shower u affarijiet tal-chrome u tlett bibien. Huwa spjega li min dahal

[1] Seduta tal-25 ta' Jannar 2017

qaccat katnazz li kien mal-bieb u sgassaw il-bieb. Bhala valur totali tal-oggetti li nsterqu kien madwar tlett elef Lira Maltin. Paul Camilleri m'gharafx lill-imputat bhala li kien haddiem fil-blokka.

Illi mill-fond derubat kien hemm landa tal-hadid tal-helu li minn fuqha gew elevati finger-prints. Paul Camilleri waqt ix-xhieda tieghu kkonferma li l-landa kienet tieghu, li kienet fl-appartament derubat u li kienet ingiebet mid-dar tieghu l-Mosta. Huwa qal li l-haddiema li kienu qed jahdmu fl-appartamenti ta' fuqu ma kellhomx access ghal tieghu.

L-Ispettur Saviour Baldacchino xehed li fiz-zmien tas-serqa ma kienx jifforma parti mil-Criminal Investigation Department izda wiret il-file tal-kaz. Mill-investigazzjoni li wettaq irrizultalu li wiehed mis-suspettati seta' kien l-imputat ghaliex gie mqabbel fingerprint tieghu max-xena tad-delitt. Talab li jinhareg mandat t'arrest fuq l-imputat fid-19 ta' Mejju 2015, li gie arrestat u rrilaxxja stqarrija fejn wara li kkonsulta mal-avukat tieghu ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda mistqosija. In kontro-ezami, l-ufficjal prosekutur xehed li kienu jafu li l-imputat fiz-zmien tas-serqa kien jahdem xoghol manwali. Illi l-imputat gie infurmat li kienet giet elevata fingerprint minn gewwa l-appartament u li kienet qablet ma' fingerprints tieghu li kienu ttiehdu f'investigazzjoni ohra.

Illi filfatt irrizulta li l-imputat wara li kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol sfortunatament tilef l-id il-leminija. Dan sehh fil-21 ta' Novembru 2006.

Irid ukoll jigi rilevat li l-fingerprint elevata fl-appartament kienet proprju ta' id leminija w ghalhekk f'dawn il-proceduri ma hux possibbli ssir il-komparazzjoni tas-soltu billi m'hemmx x'tikkompara. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni qeghda tistrieh fuq dik li hija ssostni li hija l-ahjar prova ossija meta ttiehdulu l-fingerprints snin qabel l-incident fejn kienu ttiehdulu l-fingerprints taz-zewgt idejn.

Fuq ix-xena tad-delitt kienet giet elevata blood swab. Waqt il-proceduri odjerni giet nominata Dr Marisa Cassar sabiex wara li tigbor kampjun tal-imputat twettaq ezami komparattiv mal-blood swab elevata. Dr Cassar pprezentat ir-rapport taghha[2] fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2017 u xehdet li

[2] Dok Ms a fol 98 tal-process

hija għamlet analizi fejn qabblet il-profil ġenetiku li ħareġ minn swab at' demm u l-profil ġenetiku tal-imputat u l-profil ġenetiku ma qabilx.

L-imputat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri[3]. Huwa qal li madwar tnax/tlettax-il sena ilu kellu inċident fuq il-post tax-xogħol. Qabel l-inċident huwa kien jaħdem ġol-barrieri u kien jieħu xi sieghа xogħol overtime u kien ibajjad, igorr, twaqqigħ ta' bini. Huwa qal li fil-blokka ta' appartamenti kien ħadem għaliex kien ġarrilhom xi affarijiet għar-rimi u waddbuh mat-terrapin. Huwa ma jafx lid-derubat. Illum jaħdem bħala watchman ma' kumpanija. Huwa ċaħad li seraq. In kontro-eżami huwa kkonferma li ġieli ttieħdulu fingerprints mill-pulizija qabel ma kellu l-inċident.

**Ikkunsidrat**

Illi m'hemmx dubju li twettqet serqa mill-fond 216, Dolphin Court, Triq it-Tunnara, Mellieħa għad-detriment ta' Paul Camilleri.

Illi l-imputat jinsab addebitat b'tali serqa. Fix-xhieda tiegħu qal li kien ħadem f'dik il-blokka ta' appartamenti iżda lil Paul Camilleri ma jafux. Il-Prosekuzzjoni ressqet biss bħala prova biex tallaċċja lill-imputat mal-fond inkwistjoni l-fingerprint elevata minn landa tal-ħadid preżenti fil-fond misruq.

Illi l-espert Joseph Mallia li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta, ippreżenta r-rapport tiegħu nhar l-20 ta' April 2015. Fir-rapport tiegħu huwa kkonkluda:

*"Illi wara li ġew eżaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 06 AHW 301, 06 AHW 302, 06 AHW 303 u 06 AHW 304 mal-impronti diġitali li jinsabu fid-database tas-sistema komputerizzata magħrufa bħala Automated Fingerprint Identification System (A.F.I.S) tal-Pulizija, l-esponent jikkonkludi dan li ġej:*

1. *Illi minn eżamijiet komparattivi li l-esponent għamel fuq impronta li tidher żviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 06 AHW 301 irrżiulta illi, l-istess impronta hija nieqsa mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni għalhekk ma setgħux isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta, u l-impronti diġitali u l-marki tal-*

[3] Seduta tal-20 ta' Ġunju 2018

*pali tal-idejn li jinsabu fis- sistema komputerizzata maghrufa bhala Automated Fingerprint Identification System (A.F.I.S) tal-Pulizija.*

2. *Illi minn ezamijiet komparattivi li l-esponent gahmel bejn l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 06 AHW 302 mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn li jinsabu fis- sistema komputerizzata maghrufa bhala Automated Fingerprint Identification System (A.F.I.S) tal-Pulizija irrizulta, illi din l-istess impronta taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Blasio Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' numru 11969(G) (numru tal-identifikazzjoni tal-formola *06647*), dokument JM 1.*

3. *Illi l-ezamijiet komparattivi li l-esponent ghamel bejn l-impronti li jidhru zviluppati u elevati permezz tal-lifters dokumenti 06 AHW 303 u 06 AHW 304 mal-impronti digitali u l-amrki tal-pali tal-idejn li jinsabu fis- sistema komputerizzata maghrufa bhala Automated Fingerprint Identification System (A.F.I.S) tal-Pulizija, irrizultaw fin-negattiv.*

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2018, l-espert spjega li solitament huwa jiehu l-marki tas-swaba seduta stante, ighaddihom lill-Magistrat biex jigu inizjalati biex imbaghad jerga' jirtirahom flimkien mal-lifters li jkunu ngabru minn fuq ix-xena tad-delitt biex issir il-komparazzjoni. Fil-kaz odjern huwa hadem fuq formola originali tal-Pulizija mghoddija lilu mill-Maggur 1374 Edgar Dalli. Il-formola kienet formola tal-laboratorju forensiku tal-Pulizija billi din kienet tidhol fl-*A.F.I.S* li hija sistema komputerizzata u dan billi f'dan il-kaz ma setax ikun hemm il-komparazzjoni tas-solti minhabba li l-individwu kellu id nieqsa.

L-espert Mallia xehed li huwa hadem biss fuq il-formola li l-iscan tal-original taghha giet inkluza fir-rapport tieghu. Il-Formola li hadem fuqha huwa hija datata 28 ta' Jannar 1991. Huwa qal li nghatat lilu kif inhi ossija bl-isem ta' 'Amadeo Brincat' u l-indirizz tieghu imhassrin u minflok hemm isem l-imputat odjern u l-indirizz tieghu.

PS 1238 Clive Brimmer, in rapprezentanza tal-Fingerprints Unit ipprezenta hames formoli tal-impronti digitali u dawk palmari li qeghdin fl-isem ta' Blasio Buttigieg[4], liema formoli jgibu dati differenti illi ttiehdu

[4] Dok CB1 sa CB5

matul is-snin. Ix-xhud spjega li fejn hemm il-firem fuq l-istess formoli dawn ma sarux fil-presenza tieghu. Spjega wkoll li fuq il-formola li hadem fuqha l-espert Joseph Mallia jirrizulta li hemm *photo number 2193.* Huwa qal li kull process li ghandu fotografija tal-fingerprints jiehdu sett ritratti wkoll u jigi identifikat bhala dokument wiehed.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel punt li jehtieg li jigi determinat huwa jekk il-prosekuzzjoni setghetx titlob li jkun hemm komparazzjoni tal-lifters elevati mix-xena tad-delitt mal-formola tal-impronti li kienet inserita fl-*Automated Fingerprint Identification System (A.F.I.S)* u tressaqha bhala prova u li l-istess titqies bhala li huwa bizzejjed biex tissodisfa r-rekwizit li ghandha tingieb l-ahjar prova.

Illi huwa assodat illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem ʼil quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud**[5] gie ritenut:

*Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef'*[6] *ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*'Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li limputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

---

[5] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005)

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex limputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis iccirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Solitament, l-ahjar prova meta jigu elevati lifters minn fuq xena tad-delitt tkun li jkun hemm komparazzjoni mal-impronti digitali u palmari tas-suspettat jew imputat li jkunu ttiehdu mill-espert nominat. F'dan il-kaz billi l-lifter elevat li kien tajjeb ghall-komparazzjoni (li kien gie elevat minn ma qiegh ta' landa tal-helu bil-kliem Cadbury li kienet fuq is-sufan fil-living room fil-fond derubat[7]) gie mqabbel ma' id leminija u l-imputat kellu incident wara li twettqet is-serqa u tilef l-istess id, il-komparazzjoni ma setghetx issir f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tqis li f'kaz eccezzjonali bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni tista' biex tiskarika l-oneru tal-ahjar prova tipprezenta l-impronti digitali u

[7] Rapport ta' PC 453 Brian Cassar u PC 94 Jack Farrugia

palmari li jinzammu fl-*A.F.I.S* u jigu kkomparati mal-lifter purche' jista' jigi accertat li l-impronti mizmuma inzammu skont il-Ligi u li huma verament tal-imputat li jkollha quddiemha l-Qorti sabiex jigu ggudikat.

Biss pero' fil-kaz inkwistjoni, id-difiza ghandha ragun tilmenta li l-prova li ngabet ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjest mil-ligi. Mill-atti jirrizulta li l-imputat ittiehdulu l-impronti diversi drabi mill-pulizija. Waqt il-proceduri odjerni gew prezentati hames formoli li jgibu dati differenti u li fuqhom jidhru li gew iffirmati minn Blasio Buttigieg. Mhux dejjem kienet titnizzel il-karta tal-identita' tal-individwu – bizzejjed wiehed jara dawk mehuda fis-26 ta' Marzu 1990; dawk mehuda fit-28 ta' Jannar 1991 u dawk tat-12 ta' Gunju 1992. Fiz-zewg formoli datati 30 ta' Jannar 2000 u 14 ta' Awwissu 2000 tnizzlet l-karta tal-identita' fuq il-formoli.

L-espert nominat fl-inkjesta magisterjali inghata biss formola wahda ossija dik datata 28 ta' Jannar 1991[8]. Mhux maghruf kif intghazlet proprju dik il-formola u mhux wahda mill-ohrjan jew kollha kemm huma.

Fuq il-formola li nghata l-espert, originarjament jidher li tnizzlu d-dettalji ta' certu Amadeo Brincat izda dawn gew ikkancellati u minflok tnizzel l-isem ta' Blasio Buttigieg u l-indirizz tieghu. Mhux maghruf min ikkancella d-dettalji ta' Brincat u nizzel dawk tal-imputat anki ghaliex il-kancellazzjoni tad-dettalji ma gietx inizjalata. Fuq l-istess formola fejn hemm 'year of birth' thalliet vojta u lanqas karta tal-identita' ma tnizzlet. PS 1238 Clive Brimmer xehed li kull sett formoli jkun hemm set ritratti maghhom li f'dan il-kaz kellhom numru 2193 abbinat maghhom izda tali ritratti ma gewx ezebiti. L-unici ritratti li gew ezebiti jgibu d-data tal-14 ta' Awwissu 2000 u ghalhekk jirrelataw ma' Dok CB4. Ghalhekk il-Qorti ma tistax b'certezza tikkonkludi li din il-formola li nghatat lill-espert hija ta' Blasio Buttigieg. Huwa minnu li fuq wara tal-formola hemm firma 'B. Buttigieg' u fuq il-formola tal-impronti palmari hemm 'B. Buttigieg' u fuq hemm Photo 2193. Biss pero' fuq il-formola tal-impronti palmari hemm ukoll imnizzel Amadeo Brincat li giet kancellata u mhux inizjalata. Ghalkemm fuq il-formola hemm 'B. Buttigieg' ma ngabx persuna li gharaf li dik il-firma saret mill-imputat odjern (il-Qorti tifhem li ghadda hafna zmien) u m'ghandha l-ebda assigurazzjoni li dik hija l-firma tal-imputat.

---

[8] Dok CB2

L-Ufficjal Prosekutur argumenta fit-trattazzjoni li harsa lejn il-formoli kollha prezentati ghandha twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li huma tal-istess persuna. Il-Qorti ma taqbilx ma′ tali sottomissjoni. Il-Prosekuzzjoni kellha formoli ohra li kienu bil-karta tal-identita′ u bid-dettalji kollha li setghu gew ikkomparati. Setghet anke titlob perit kaligrafiku biex iwettaq ezami komparattiv tal-firma ma′ dokumenti pubblici li setghu gew iffirmati mill-imputat qabel ma kellu l-incident. Lanqas ir-ritratti li kienu abbinati mal-formola li nghatat lill-espert ma gew prezentati.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni wkoll ma giex ippruvat li kien l-imputat li wettaq hsara volontarja.

L-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali ghal sejbien ta′ htija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**